31 ta' Marzu 1955

Imħallef:
Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Amante Gatt ne. *versus* Albert Mizzi ne.

## Bejgħ — Riżoluzzjoni Parzjali

*Ix-xerrej li, wara li jkun irċieva parti mill-merkanzija li waslitlu mhux konformi għall-ordni, ma jkunx irid iżomm il-kumplament tal-merkanzija, jista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ limitatament għal dan il-kumplament, jekk, meta waslitlu l-merkanzija u sab li mhix konformi għall-ordni, huwa jkun ipprotesta mal-venditur dwar dan l-inadempiment, u l-bejgħ ta' parti mill-merkanzija jkun sar bi ftehim mal-venditur u mingħajr preġudizzju tax-xerrej.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biħ l-attur nomine, wara li ppremetta illi huwa kien għamel ordni ta' 3000 par "children's canvas shoes with moulded rubber soles" lill-imsemmija ditta Olandiża "Block & Stibbs" permezz ta' l-aġenti kummissjunarji tagħha f'Malta "Messrs. Alf Mizzi & Sons", rappreżentata mill-imsemmi Albert Mizzi, liema ordni ġiet konfermata mid-ditta Olandiża; u illi skond l-imsemmi ordni u r-relattiva konferma l-istess żraben ma kellhomx ikollhom il-marka "Made in Holland", imma inveċe l-marka "Empire"; u li l-istess żraben ma ġewx skond l-ordni kif konfermat, billi, kuntrarjament għall-ftehim fuq imsemmi, dawn kellhom il-marka "Made in Holland", ħaġa li huwa mill-ewwel ipprotesta kontra tagħha; u illi, waqt li kien isir il-karteġġ biex tiġi likwidata l-kwistjoni bonarjament, sar ftehim li, bla preġudizzju tad-drittijiet tiegħu, huwa kellu jipprova jbiegħ mill-istess żraben, u fil-fatt huwa laħaq biegħ 1,017 il-par, u ntant il-konvenut nomine ma nsistiex għall-ħlas tal-kambjali skaduta li huwa, skond il-ftehim oriġinali, kien aċċetta fil-15 ta' Mejju, 1954, biex ikun jista' jirtira d-dokumenti u kwindi l-merkanzija; u li huwa kien aċċetta din l-istess kambjali tratta fuqu mid-ditta esportatriċi favur Amsterdamsche Bank ta' Holland għall-ammont ta' £1217.2.3 qabel ma ra l-merkanzija u meta

ma kienx jaf li l-merkanzija ma kienetx konformi għall-ordni, b'mod illi l-istess aċċettazzjoni kambjarja saret bi żball da parti tiegħu minħabba għemil qarrieqi tal-konvenut nomine, fis-sens li dana ma kellux jieħu minn għandu l-ammont li għalieħ kien qiegħed *jiffirma, kif, jekk hemm bżonn, jiġi espressament dikjarat*; u illi t-trattattivi għat-transazzjoni ma seħħewx, u ntant il-konvenut irrifjuta li jirċievi l-bilanċ ta' żraben li baqgħu għandu (għand l-attur), *jiġifieri* 1,980 par, u għalhekk huwa, li jrid jinsisti għar-rexissjoni tal-bejgħ, iddepożita l-istess żraben taħt l-awtorità ta' din il-Qorti b'ċedola tad-9 ta' Novembru, 1954; talab: (1) li jiġi riżolut il-bejgħ taż-żraben ġa konkjuż, u dan minħabba l-fatt attribwit lill-konvenut nomine li l-istess żraben ma jaqblux mal-ordni relattiv; (2) li jiġi kwindi dikjarat validu d-depożitu taż-żraben magħmul biċ-ċedola fuq riferita; (3) li l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli lejħ tad-danni, talli ma eżegwiex il-ftehim tal-bejgħ fuq imsemmi, liema *danni jiġu likwidati* f'dan il-ġudizzju jew f'wieħed ieħor separat, kompriż fl-istess danni kull ammont li huwa jista' jkun imġiegħel iħallsu in vista ta' l-aċċettazzjoni kambjarja fuq imsemmija. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-protest tas-7 ta' Lulju, 1954, u taċ-ċedola tad-depożitu fuq riferita;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kontendenti ma jikkwistjonawx jekk il-merkanzija ġietx spedita jew le konformement għall-ordni. Id-ditta konvenuta tammetti li ma ġewx; u difatti dina d-ditta, fit-22 ta' Mejju, 1954, kitbet lill-aġenti tagħha: "Immediately upon receipt of your letter we have checked our records and have found correct instructions have been given to cancel 'Made in Holland' for this order. Through some misunderstanding ...... We sincerely apologise for the error ......" (fol. 21);

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija dik jekk id-ditta attriċi tistax, wara li biegħet parti mill-merkanzija, titlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ ta' l-istess merkanzija u tibgħat lura l-bilanċ għar-raġuni li l-merkanzija mhix konformi għall-ordni. Difatti, din hija l-unika eċċezzjoni tad-ditta konvenuta, jiġifieri illi d-ditta attriċi ma għandhiex dritt għar-

riżoluzzjoni tal-bejgħ taż-żraben in kwistjoni wara li biegħet aktar minn terz minnhom;

Fil-fatt jirriżulta li d-ditta attriċi minn 3,000 par żraben biegħet 1,017 il-par (fol. 9 u fol. 41);

Tikkunsidra, dwar din il-kwistjoni;

Illi, kieku d-ditta attriċi ma pprotestatx kontra l-inadempiment tal-kondizzjoni li ż-żraben ma kellhomx ikollhom il-kliem "Made in Holland" stampati fuq il-pjanta tagħhom, u għaddiet għall-bejgħ tagħhom, u mbagħad ippretendiet li tirriżolvi l-vendita u tibgħat lura l-bilanċ għarraġuni ta' l-inadempiment ta' l-imsemmija kondizzjoni, ċertament ma kienx ikollha dritt li tagħmel hekk; imma jekk, kif tallega d-ditta attriċi, dina, kif irċeviet il-merkanzija, immedjatament ipprotestat kontra l-fatt li ż-żraben, kuntrarjament għall-ftehim, kellhom il-kliem fuq riferiti stampati fuq il-pjanta tagħhom, u, jekk bdiet tbiegħ minnhom, dana għamlitu bi ftehim ma' l-aġenti, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħhom sakemm jiktbu lid-ditta konvenuta u jaraw jekk kienx possibbli li l-kwistjoni tiġi definita amikevolment bi transazzjoni, u mbagħad żammet il-bejgħ kif saret taf mingħand l-aġenti li l-proposti li kienet għamlet ma kienux aċċettabbli mid-ditta konvenuta, allura, f'dan il-każ, ma jistax jingħad li l-fatt tal-bejgħ ta' parti mill-merkanzija, taħt iċ-ċirkustanzi riferiti, jista' jippreġudika d-dritt tad-ditta attriċi li titlob ir-riżoluzzjoni tal-vendita fuq il-konsiderazzjoni sottomessa mid-ditta konvenuta f'waħda mill-ittri tagħha lill-aġenti tagħha (fol. 18), jiġifieri illi l-bejgħ ta' parti mill-merkanzija jimplika l-aċċettazzjoni tal-merkanzija kollha, "...... because this firm have already sold part of this shipment, i.e. 500 pairs ...... this includes that they have accepted the whole shipment and cannot demand the return of the 2,500 pairs" — allura d-ditta konvenuta kienet taħt l-impressjoni li d-ditta attriċi kienet biegħet 500 par biss, għaliex daqstant l-istess ditta attriċi kienet allura qalet li kienet biegħet. Hija għalhekk evidenti li fiċ-ċirkustanzi fuq riferiti l-imsemmija konsiderazzjoni ma tistax tiġi aktar magħmula;

Illi, riferibbilment għall-fatt li d-ditta attriċi pprotestat kontra l-istampa tal-kliem "Made in Holland" fuq il-pjanta

taż-żraben, u mminaċċjat li tirrifjuta l-merkanzija, dan jirriżulta bix-xhieda ...... Riteribbilment għall-fatt li d-ditta attriċi żammet il-bejgħ, u pprotestat uffiċjalment kontra l-fatt li l-merkanzija ma kienetx skond l-ordni, kif saret taf li l-proposti tagħha ma kienux aċċettabbli, dan jirriżulta mid-dokumenti ...... Riteribbilment għall-fatt allegat mid-ditta attriċi fis-sens li d-ditta attriċi kellha tibda' tbiegħ minn dawk iż-żraben mingħajr preġudizzju, sakemm jaraw x'kienet sejra tgħid id-dar ta' barra, anki dan il-ftehim ġie soddisfaċentement pruvat, għaliex ......;

Taħt iċ-ċirkustanzi fuq riferiti, il-fatt tal-bejgħ ta' parti mill-merkanzija ma jippreġudikax id-drittijiet tad-ditta attriċi derivanti mill-fatt li l-merkanzija riċevuta mhix konformi għal dik mixtrija, skond l-ordni tad-ditta attriċi konfermat mid-ditta konvenuta, kif ġie pruvat u ammess mill-istess ditta konvenuta;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi a tenur tat-talbiet ta' l-attur nomine, bl-ispejjeż, barra minn dawk relattivi għat-tielet talba, li qegħdin jiġu riżervati għall-ġudizzju li bih issir il-likwidazzjoni taddanni, u li għandu jiġi mill-attur nomine mibdi f'xahar żmien mil-lum, jew f'terminu itwal bi ftehim mal-konvenut nomine; in difett, l-ispejjeż ta' dik it-tielet talba jibqgħu a kariku ta' l-attur.